



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1410 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1411 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jemenda għall-273 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida** 4

DEĊIŻONIJET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1412 tal-1 ta' Awwissu 2017 dwar ir-rikonoxximent ta' Fiġi skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (notifikata bid-dokument C(2017) 5277) ⁽¹⁾** 6

Rettifika

- ★ **Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1346 tat-8 ta' Awwissu 2016 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1008/2011, kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 372/2013, dwar l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn kemm kemm immodifikati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 214, 9.8.2016)** 8

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1410

tat-2 ta' Awwissu 2017

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sigurtà tal-Konsumatur (SCCS) ikkonkluda fl-opinjoni tiegħu tas-26-27 ta' Ġunju 2012 ⁽²⁾ li 3- u 4-(4-Idrossi-4-metilpentil) ċikloż-3-en-1-karbaldeid (HICC), bl-isem INCI Idrossi-soežil 3-Ċiklożen Karboksaldeid, 2,6-Diidrossi-4-metil-benzaldeid (atranol) u 3-Kloro-2,6-Diidrossi-4-metil-benzaldeid (kloroatranol) ma għandhomx jintużaw fi prodotti kożmetiċi għaliex huma allerġeni tal-fwejjaħ li kkawżaw l-ogħla numru ta' każijiet tal-allerġiji bil-kuntatt f'dawn l-aħħar snin.
- (2) Konsegwentement, hemm riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u jenħtieġ għalhekk li dawk is-sustanzi jiġu pprojbiti fil-prodotti kożmetiċi.
- (3) L-HICC huwa rregolat bl-entrata Nru 79 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, fejn jipprovdi li l-preżenza tiegħu trid tiġi indikata fil-lista ta' ingredjenti msemmija fl-Artikolu 19(1)(g) ta' dak ir-Regolament meta l-konċentrazzjoni tiegħu taqbeż il-0,001 % fi prodotti li ma jitlahalhx u 0,01 % fi prodotti li jitlaħalħu. Billi l-HICC jenħtieġ ikun ipprojbit fil-prodotti kożmetiċi, huwa neċessarju li titħassar dik l-entrata.
- (4) L-SCCS indika fl-opinjoni tiegħu tas-26-27 ta' Ġunju 2012 li atranol u kloroatranol huma komponenti naturali tal-ħażiż tas-siġar tal-ballut (*Evernia prunastri*) u estratti tal-ħażiż tas-siġar (*Evernia furfuracea*) regolat bl-entrati Nri 91 u 92, rispettivament, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.
- (5) Huwa xieraq li jingħataw perjodi ta' żmien raġonevoli sabiex l-industrija tadatta għall-projbizzjonijiet ġodda u għal din ir-raġuni ma jibqgħux jitqiegħdu jew isiru disponibbli fis-suq il-prodotti konċernati li jkun fihom waħda jew aktar mis-sustanzi pprojbiti. Meta jiġu biex jiddeterminaw dawn il-perjodi taż-żmien, jenħtieġ li jitqies ukoll ir-riskju potenzjali ta' dawk il-prodotti għas-saħħa tal-bniedem. Ir-restrizzjoni għall-HICC stabbilita fl-entrata 79 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ tibqa' tapplika sakemm id-disponibilità tal-prodotti li fihom din is-sustanza ma tibqax permessa. Għalhekk it-tħassir ta' din l-entrata għandu jiġi diferit.

⁽¹⁾ ĠUL 342, 22.12.2009, p. 59.

⁽²⁾ SCCS/1459/11.

- (6) B'mod partikolari, il-proċedura eċċezzjonalment ikkumplikata u twila għar-riformulazzjoni tal-fwieħa u t-tħassib tal-konsumaturi dwar il-bidla tal-proprjetajiet olfattivi tal-fwejjaħ għandha tkun riflessa fit-tul taż-żmien itwal mis-soltu tal-iskadenza mogħtija lill-industrija għall-aġġustamenti ta' prodotti. Il-manifestazzjonijiet ta' allerġiji bil-kuntatt għall-fwejjaħ huma normalment limitati għall-ġielda. Il-konsumaturi li jbatu mill-allerġija bil-kuntatt għall-allerġeni tal-fwejjaħ ta' spiss ikunu jafu li ma jistgħux jittolleraw il-prodotti tal-fwieħa fuq il-ġilda tagħhom u għalhekk jistgħu jevitawhom.
- (7) Jenhtiegħ għalhekk li l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jiġu emendati skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Mit-23 ta' Awwissu 2019 il-prodotti kożmetiċi li fihom waħda jew iżjed mis-sustanzi pprojbti minn dan ir-Regolament ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

Mit-23 ta' Awwissu 2021 il-prodotti kożmetiċi li fihom waħda jew iżjed mis-sustanzi pprojbti minn dan ir-Regolament ma għandhomx isiru disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-punt (2) tal-Anness għandu japplika mit-23 ta' Awwissu 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jiġu emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, fit-tabella, jiżdiedu dawn it-tliet entrati:

| In-numru ta' referenza | L-identifikazzjoni tas-sustanza | | |
|------------------------|---|----------------------------|--------------------------|
| | L-isem kimiku/INN | In-numru CAS | In-numru KE |
| a | b | c | d |
| "1380 | 3- u 4-(4-Idrossi-4-metilpentil) ċikloez-3-en-1-karbaldeid (HICC) (*) | 51414-25-6/ 31906-04-4/ | 257-187-9/ 250-863-4/ |
| 1381 | 2,6-Diidrossi-4-metil-benzaldeid (atranol) (*) | 526-37-4/ | — |
| 1382 | 3-Kloro-2,6-Diidrossi-4-metil-benzaldeid (kloroatranol) (*) | 57074-21-2/ | — |

(*) Mit-23 ta' Awwissu 2019 il-prodotti kożmetiċi li fihom dik is-sustanza ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Mit-23 ta' Awwissu 2021 il-prodotti kożmetiċi li fihom dik is-sustanza ma għandhomx ikunu disponibbli fis-suq tal-Unjoni."

(2) fl-Anness III, fit-tabella, titħassar l-entrata 79.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1411**tat-2 ta' Awwissu 2017**

li jemenda għall-273 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fit-28 ta' Lulju 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi persuna fiżika mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

⁽¹⁾ ĠUL 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrata li ġejja taħt l-intestatura "Persuni naturali" titħassar:

"Adil Muhammad Mahmud Abd Al-Khaliq (magħruf ukoll bħala (a) Adel Mohamed Mahmoud Abdul Khaliq; (b) Adel Mohamed Mahmood Abdul Khaled). Data tat-twelid: 2.3.1984. Post tat-twelid: Il-Bahrain. Nazzjonalità: Bahraini. Numru tal-Passaport: 1632207 (Bahraini). Informazzjoni oħra: (a) Aġixxa fisem, u pprova appoġġ finanzjarju, materjali u loġistiku, lil Al-Qaida u lil-Libyan Islamic Fighting Group (LIFG); (b) Arrestat fl-Emirati Għarab Magħquda (UAE) f'Jannar tal-2007 fuq akkużi li huwa membru ta' Al-Qaida u ta' LIFG; (c) Wara li nstab ħati fl-Emirati Għarab Magħquda lejn tmiem l-2007 ġie trasferit lejn il-Bahrain kmieni fl-2008 biex hemm jiskonta l-bqija tas-sentenza tiegħu; (d) Wara li nħeles fl-2008, reġa' beda l-attivitajiet ta' ġbir ta' flus tiegħu għal Al-Qaida, tal-inqas sal-2012; (e) Huwa ġabar ukoll flus għat-Taliban. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.10.2008."

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1412

tal-1 ta' Awwissu 2017

dwar ir-rikonoxximent ta' Fiġi skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara

(notifikata bid-dokument C(2017) 5277)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2008/106/KE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirrikonoxxu b'approvazzjoni ċ-ċertifikati xierqa ta' kompetenza tal-baħħara, li jkunu nħarġu minn pajjiżi terzi, sakemm il-pajjiżi terzi ikkonċernat ikun rikonnoxxut mill-Kummissjoni. Dawk il-pajjiżi terzi jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, tal-1978 (il-"Konvenzjoni STCW").
- (2) Fit-18 ta' Frar 2011, il-Ġermanja talbet ir-rikonoxximent ta' Fiġi. Wara dik it-talba, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-awtoritajiet ta' Fiġi bil-għan li twettaq valutazzjoni tas-sistema ta' taħriġ u ċertifikazzjoni tagħhom biex tivverifika jekk Fiġi jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni STCW u jekk ittiħdux il-miżuri xierqa biex tiġi evitata l-frodi konnessa ma-ċertifikati. Kien spjegat li l-valutazzjoni se tkun ibbażata fuq ir-riżultati ta' spezzjoni għall-għbir ta' informazzjoni li għandha titwettaq mill-esperti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-Aġenzija f'Fiġi).
- (3) Abbażi tar-riżultati ta' spezzjoni li saret f'Ġunju 2013, u b'kont meħud ta' pjan volontarju ta' azzjoni korrettiva mibgħut mill-awtoritajiet ta' Fiġi f'Settembru 2014 u s-supplimentat f'Diċembru 2014, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tas-sistema ta' taħriġ u ċertifikazzjoni f'Fiġi.
- (4) Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' oqsma li kellhom bżonn jiġu indirizzati sewwa mill-awtoritajiet ta' Fiġi, inklużi n-nuqqasijiet marbutin mad-dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal dispożizzjonijiet nieqsa għall-kwalifiki ta' ċerti kategoriji ta' ħarrieġa, u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni kif ukoll proċeduri tal-ġestjoni ta' kwalità insuffiċjenti jew inkompleti.
- (5) F'April 2015, il-Kummissjoni pprovdiet lill-awtoritajiet ta' Fiġi b'rapport ta' valutazzjoni li kien ibbażat fuq ir-riżultati tal-ispezzjoni ta' Ġunju 2013 u qieset il-pjan ta' azzjonijiet korrettivi s-supplimentat.
- (6) F'Ġunju 2015, l-awtoritajiet ta' Fiġi ressqu pjan ta' azzjonijiet korrettivi aġġornat.
- (7) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-awtoritajiet ta' Fiġi, bl-eċċezzjoni ta' sejba dwar ir-rekwiżiti ta-ċertifikazzjoni, ħadu miżuri biex jagħmlu s-sistema tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara ta' Fiġi konformi mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW.
- (8) B'mod partikolari, Fiġi adotta leġislazzjoni ġdida li tindirizza n-nuqqasijiet identifikati b'rabta mad-dispożizzjonijiet nazzjonali u aġġorna l-proċeduri tal-kwalità tal-amministrazzjoni u tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni marittima u l-kurrikula u l-programmi ta' taħriġ tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni marittima tiegħu.

⁽¹⁾ ĠUL 323, 3.12.2008, p. 33.

- (9) Id-dipartimenti tal-Kummissjoni talbu lill-awtoritajiet ta' Fiġi għal kjarifika dwar is-sejba tal-Kummissjoni msemmija fil-premessa 7 b'rabta mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni. Din is-sejba ma tistax, f'kull każ, tqajjem dubji dwar il-valutazzjoni pożittiva ġenerali.
- (10) Ir-riżultat finali tal-valutazzjoni juri li Fiġi huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW, u li dan il-pajjiż ħa l-miżuri xierqa biex tiġi evitata l-frodi konnessa maċ-ċertifikati.
- (11) L-Istati Membri ngħataw rapport dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni.
- (12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2008/106/KE, Fiġi huwa rikonoxxut fir-rigward tas-sistemi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni tal-baħħara.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni
Violeta BULC
Membri tal-Kummissjoni

RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1346 tat-8 ta' Awwissu 2016 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1008/2011, kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 372/2013, dwar l-importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn kemm kemm immodifikati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 214 tad-9 ta' Awwissu 2016)

F'paġna 10, fl-Artikolu 1(1),

minflok: "Id-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 372/2013 fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri xażi u idrawlika, li fil-preżent jaqgħu fl-ambitu tal-kodiċijiet NM ex 8427 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 8427 90 00 11 u 8427 90 00 19) u ex 8431 20 00 (il-kodiċijiet TARIC 8431 20 00 11 u 8431 20 00 19), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa estiż għall-istess prodott iżda ppreżentat mal-importazzjoni b'hekk imsejħa 'sistema ta' indikazzjoni tal-piż' li tikkonsisti minn mekkaniżmu tal-użin mhux integrat fix-xażi, li fil-preżent jaqgħu taħt il-kodiċijiet TARIC 8427 90 00 30 u 8431 20 00 50.”,

aqra: "Id-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 372/2013 fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri xażi u idrawlika, li fil-preżent jaqgħu fl-ambitu tal-kodiċijiet NM ex 8427 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 8427 90 00 11 u 8427 90 00 19) u ex 8431 20 00 (il-kodiċijiet TARIC 8431 20 00 11 u 8431 20 00 19), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa estiż għall-istess prodott iżda ppreżentat mal-importazzjoni b'hekk imsejħa 'sistema ta' indikazzjoni tal-piż' li tikkonsisti minn mekkaniżmu tal-użin mhux integrat fix-xażi, jiġifieri mhux integrat fil-frieket, li fil-preżent jaqgħu taħt il-kodiċijiet TARIC 8427 90 00 30 u 8431 20 00 50.”.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT